MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 1448/2001/1

**Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**v.
Eddie Brincat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu ir-rikorrent Eddie Brincat, wara illi ppremetta illi huwa gie notifikat b’ittra ufficjali u dikjarazzjoni ddatati 23 ta’ Lulju 2001 mibghuta mill-intimat Kummissarju ta’ l-Artijiet flimkien ma’ dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess *ai termini* ta’ l-Artikolu 466 tal-

Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; illi huwa gie mitlub ihallas tmint elef erba’ mija u disgha u sebghin lira u erbgha u tmenin centezmu (Lm8,479.84) mitluba mill-intimat bhala kera ta’ hanut nru. 12, Triq il-Merkanti, Valletta; illi r-rikorrent irid jipprevalixxi ruhu mill-provvediment tas-sub-artikolu (2) ta’ l-Artikolu 466 billi jsostni illi t-talba ta’ l-intimat mhix dovuta; talab illi dik il-Qorti tiddikjara t-talba maghmula fil-konfront tieghu bhal(a) infondata fil-fatt u fid-dritt; u ddikjara ukoll illi huwa kellu diversi attrezzi fil-hanut fuq imsemmi li kienu jinkludu fost l-ohrajn: bank *counter* tal-friza, imwejjed u siggijiet, magna tal-*Cappuccino*, *fridges* u affarijiet ohra li tirrikjedi l-gestjoni ta’ *restaurant*, u *showcase* kbira li kienet tiswa Lm800 meta l-Kummissarju ghalaqlu l-hanut u ma ha xejn mill-affarijiet imsemmija;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat illi permezz taghha, wara illi ssottometta illi dak li qed jigi allegat fir-rikors datat 7 ta’ Awissu 2001, u cioè illi l-ammont ta’ LM8,479.84 bhala kera ta’ hanut numru 12, Triq il-Merkanti, Valletta m’humiex dovuti huwa ghal kollox nfondat; illi fil-fatt din is-somma hija dovuta kollha kemm hi u dana stante illi d-Dipartiment qatt ma rcieva l-ebda pagament minghand ir-rikorrent; illi r-rikorrent qed jallega ukoll illi fil-hanut kien hemm diversi attrezzi u cioè bank *counter* tal-friza, imwejjed u siggiet, makna tal-*Capuccino*, *fridges* u affarijiet ohra kif ukoll *showcase* kbira li kienet tiswa Lm800 li qatt ma nghatawlu lura; illi fil-veru fatt l-affarijiet li gew maqbuda mill-intimat kienu *fridge*, *show-case* kbira u tnejn zghar, sebat imwejjed, tmienja u ghoxrin siggu, *cabinet*, makna tal-*capuccino*, wiehed u hamsin kaxxex vojta, hmistax il-flixkun minerali u sitt inkwatri (Dok VM1); illi l-makna tal-*capuccino* ma kienitx tar-rikorrent izda ta’ certu Paul Cassar (Dok VM2); illi r-rikorrent kien infurmah illi kien awtorizza lil certu Silvio Buttigieg biex jigbor l-oggetti li kienu maqbuda ghand l-intimat liema oggetti qatt ma gew migbura (Dok VM3); talab lil dik il-Qorti sabiex tichad l-allegazzjonijiet imressqa mir-rikorrent;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar, 2002 illi permezz taghha

l-Qorti cahdet it-talba kontenuta fir-rikors, bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Nonostante li r-rikorrent intavola r-rikors odjern a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12, huwa naqas milli jsegwi l-progress tieghu, ghalkemm kellu kull opportunità li jaghmel dan, u ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-pretensjoni tieghu. Mill-banda l-ohra l-provi ta' l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet huma cari u inekwivoci."

Rat ir-rikors ta' appell tar-rikorrent illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi tigi revokata u mhassra s-sentenza appellata billi hija nulla u bla effett, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza appellata tigi konfermata *in toto*, filwaqt illi t-talba tar-rikorrent tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa ta' natura legali u procedurali u huwa fis-sens illi s-sentenza appellata hija nulla ghaliex fil-proceduri relativi huwa ma nghatax smiegh xieraq peress illi huwa qatt ma gie notifikat bl-avviz tas-smiegh *ai termini* ta' l-Artikolu 182 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 182 tal-Kap. 12 jiddisponi hekk:
"B'dak kollu li jinghad fis-subartikolu (1) ta' dan l-Artikolu, <u>l-avviz tas-smiegh tal-kawza ghandu jigi nnotifikat lill-parti nfisha</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi sakemm giet pronunzjata s-sentenza appellata r-rikorrent appellant

baqa’ ma giex notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, smiegh illi permezz ta’ digriet ta’ l-ewwel Qorti ta’ erbgha u ghoxrin (24) ta’ Awissu, 2001, gie appuntat “ghall-14 ta’ Settembru 2001 fid-9.00 a.m.” (fol. 8). Infatti, a fol. 12 *tergo* hemm riferta illi minnha jirrizulta illi r-rikorrent ma giex notifikat bl-imsemmi avviz ta’ smiegh. Inoltre, ma jirrizultax illi l-vot tac-citat Artikolu 182(2) tal-Kap. 12 gie sodisfatt b’xi mod iehor kontemplat mill-ligi, bhal, per ezempju, billi, permezz ta’ nota appozita jew billi deher personalment quddiem il-Qorti, ir-rikorrent ta’ ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh. Huwa utili illi jigi rilevat, f’dan ir-rigward, illi, kuntrarjament ghal dak illi jaghti *ad intendere* l-appellat fir-risposta tieghu ghar-rikors ta’ appell, il-fatt illi qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata r-rikorrent gie notifikat b’*affidavit* ipprezentat mill-intimat ma jistax jigi konsidrat illi jissodisfa l-vot ta’ l-Artikolu 182(2) tal-Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat wiehed (1) tar-risposta ta’ l-appell l-appellat jissottometti hekk:
“Fl-ewwel lok, il-proceduri legali quddiem l-Onorabbli Qorti Civili nbdew mir-rikorrenti, u l-hlasijiet tan-notifiki fir-registru saru mir-rikorrenti nnifsu. Illi huwa ghaldaqstant redikolu li r-rikorrenti jilmenta u jibbaza appell proprio fuq nuqqas ta’ notifika meta kien il-kompitu tieghu illi jassigura illi n-notifiki rikjesti mill-ligi jigu segwiti.”

Kwantu ghal dak sottomess mill-appellat u appena citat dina l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:
(i) l-appellat mhux korrett meta jghid illi “l-hlasijiet tan-notifiki fir-registru saru mir-rikorrenti nnifsu”. Infatti, dina l-Qorti ma ghandha ebda dubbju illi mill-kelma *Lands* fuq l-original ta’ l-avviz tas-smiegh in kwistjoni (fol. 12) jirrizulta illi l-hlas relativ sar mill-intimat appellat u mhux mir-rikorrent appellant;
(ii) anke kieku l-appellat ghandu ragun fis-sottomissjoni tieghu illi “kien il-kompitu tieghu [tar-rikorrent] illi jassigura illi n-notifiki rikjesti mill-ligi jigu segwiti [jew ahjar: esegwiti]”, il-fatt illi r-rikorrent ma qdiex dan il-kompitu ma jgibx bhala konsegwenza illi ghandu jigi skartat dak illi

jipprovdi l-Artikolu 182(2) tal-Kap. 12 u l-ewwel Qorti tippronunzja s-sentenza qabel ma jirrizulta illi r-rikorrent kien notifikat bl-avviz tas-smiegh. Kien hemm mizuri ohra illi setghet tiehu l-ewwel Qorti fic-cirkostanzi, bhal, per ezempju, illi tiddefferixxi l-kawza *sine die*, procedura illi setghet twassal ghad-dezerzjoni skond il-ligi tal-proceduri inizjati mir-rikorrent (cioe` minn Eddie Brincat);

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx dubbju illi mill-premess jirrizulta illi s-sentenza appellata ssofri minn difett ta' tali natura illi tippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq tar-rikorrent appellant, difett illi jirrendi l-istess sentenza nulla *ai termini* ta' l-Artikolu 790 tal-Kap. 12;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell tar-rikorrent billi tilqghu fis-sens illi tiddikjara s-sentenza appellata nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, tqieghed lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel il-pronunzjament tas-sentenza appellata u konsegwentement tordna illi l-atti jigu rinvijati lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghas-smiegh u determinazzjoni tal-kawza skond il-ligi,;

Fic-cirkostanzi, tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati bin-nofs (1/2) bejn il-kontendenti u illi l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------